# STQARRIJA TAL-MINISTRU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI, L-ONOR. CARMELO ABELA, DWAR IL-MEWT TA' PRIĠUNIER LI KIEN TAĦT ARREST PREVENTIV FL-ISPTAR MONTE CARMELI

Nhar is-Sibt, 9 ta' Jannar 2016 kmieni filgħodu l-Awtoritajiet tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ġew infurmati li priġunier ta' nazzjonalità Ingliża miżmum taħt arrest preventiv b'konnessjoni ma' każ relatat ma' droga, fit-Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Karmeli, kien għamel attentat ta' suwiċidju.

L-infermieri li kienu xogħol f'din it-taqsima, flimkien mal-uffiċjali korrettivi taw l-assistenza sakemm waslet ambulanza li ssejħet fuq il-post u ħadet lill-priġunier l-Isptar Mater Dei. Sar ukoll rapport lill-Pulizija tad-Distrett li bdew l-istħarriġ tagħhom.

Minkejja kull tentattiv li sar biex isalvawlu ħajtu, sakemm kien għadu fl-Isptar Monte Carmeli, kif ukoll fi triqtu lejn l-isptar u fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei, sfortunatament il-priġunier ġie ċċertifikat mejjet ftit tal-ħin wara.

Kull każ ta' mewt huwa każ ta' dieqa u mewt sfortunata marbuta ma' kundizzjoni bħalma kienet dik ta' nhar is-Sibt tħalli lil kulħadd b'dispjaċir akbar. Minn hawn nagħti l-kondoljanzi lill-qraba ta' din il-persuna.

L-attentati ta' suwiċidju mhumiex daqshekk rari. Ġraw fil-passat, għadhom jiġru u jibqgħu jiġru kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħrajn. Ħafna minn dawn l-attentati jiġu evitati permezz ta' azzjoni f'waqtha u dawn normalment ma jkunux irrappurtati fil-midja.

Dwar il-każ ta' nhar is-Sibt ġiet informata l-Maġistrat Dr Gabriella Vella li qiegħda tmexxi inkjesta maġisterjali.

Il-Ministeru tiegħi ħatar inkjesta interna mmexxija minn *chairperson* indipendenti biex tifli r-regolamenti u l-proċeduri li jirregolaw priġunieri miżmumin fit-Taqsima Forensika f'Monte Carmeli u jirrapportaw dwar xi nuqqasijiet li jirriżultaw, kif ukoll li jagħmlu suġġerimenti dwar kif jistgħu jitjiebu l-affarijiet. L-inkjesta għandha tindika jekk kienx hemm xi negliġenza jew nuqqas ta' responsabbiltà minn xi uffiċjali tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin jew impjegati oħrajn, u tirrakkomanda x'passi dixxiplinarji għandhom jittieħdu fiċ-ċirkostanzi, dejjem jekk jirriżulta li kien hemm nuqqasijiet.

Għandha tagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet biex titnaqqas il-possibbiltà li dan l-inċident sfortunat jirrepeti ruħu. Din l-inkjesta mistennija li titlesta sal-21 ta' Jannar 2016.

L-inkjesta se tkun immexxija mis-Sinjura Josephine Abdilla, Direttur tar-Riżorsi Umani fl-MCAST, li għandha esperjenza wiesgħa fil-kamp tar-riżorsi umani kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Bħala membri hemm is-Sur Mario Schembri, Kap tal-Operat fis-Servizzi tad-Detenzjoni, u s-Sur Mario Schembri, Kap Eżekuttiv tal-AWAS.

Il-Ministeru huwa ddeterminat li janalizza l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet u jittieħdu l-passi kollha neċessarji li jirriżultaw mill-inkjesti u mill-investigazzjoni tal-pulizija b'mod immedjat.

Fl-istess waqt il-Ministeru inkariga wkoll lill-Bord tal-Viżitaturi għall-Persuni Detenuti biex jevalwa s-sitwazzjoni tad-detenzjoni fit-Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Carmeli u fil-*lock-up* tal-pulizija.

Il-Bord tad-Detenzjoni, li huwa ppresedut mill-Avukat Andrè Camilleri u bħala membri hemm is-Sinjuri Angela Azzopardi, Alfred Abela, Michael Buttigieg u Susan Sacco Mulvaney, intalab biex jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar titjib ieħor li jista' jsir f'dawn iċ-ċentri. Ir-rapport huwa mistenni li jkun lest fi tmien ġimgħat.

B'referenza għar-rapporti li jsiru minn żmien għal żmien mill-*Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment*, ta' min wieħed jinnota li mir-rapport preliminari tal-istess kumitat li żar Malta f'Settembru 2015 ġie indikat titjib miż-żjara li dawn kienu għamlu f'Malta f'Settembru 2011.

Fi kliem l-ex Ministru Tonio Borg fit-28 ta' Mejju 2012 u l-ex Ministru Carmelo Mifsud Bonnici jumejn wara dwar il-każ serju ta' Nicholas Azzopardi, intqal li "ċertament traġedji umani m'għandhomx isiru ballun politiku u fuq dan naħseb li għandu jkun hawn qbil unanimu".